**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 17 ta' Frar 2017**

**Appell Nru: 534/2015**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Paschalino Cefai**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra Paschalino Cefai, ta' 30 sena, iben Joseph u Theresa nee' Saliba, imwieled Attard, Malta, fit-13 ta' Diċembru 1979, detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 52480(M), imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja talli:

Nhar l-20 ta' Mejju 2010, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00 hrs), ġewwa Marsalforn Għawdex, u f'postijiet oħra ġewwa Għawdex:

1. Ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur li fih innifsu ma kienx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin

fl-artikoli 198 sa 206 fuq id-delitti kontra l-paċi u l-unur tal-familja u kontra l-morali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku.

3. U aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta u Għawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2015, li biha l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe' l-Artikoli 49, 50, 201 u 209 tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iddeċidiet li ma ssibx lill-imputat Pasqualino Cefai ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u lliberatu minnhom.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Diċembru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat Paschalino Cefai minn kull imputazzjoni u ħtija u minflok issibu ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tipprefiġġi piena skont il-liġi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-20 ta' Mejju 2010 għall-ħabta ta' nofs-il lejl neqsin għoxrin (11.40 pm) Marie-Christine Dunlop, li kienet tidher mifxula u tibki u fi stat panikjuż, marret l-għassa tar-Rabat, Għawdex u rrapportat lill-pulizija li ftit tal-ħin qabel kienet għadha kemm ġiet molestata sesswalment minn raġel li ma kienetx tafu. Hija rrakkontat li ftit qabel kienet f'ħanut fix-xatt ta' Marsalforn u xi ħadd, li ddeskrivietu bħala "quite big, about forty (40)", offrielha lift sa r-Rabat fejn kienet toqgħod. Fit-triq lejn Victoria,

minkejja li hija bdiet tirrifjuta, dan ir-raġel beda jmissha, jmissilha l-libsa tagħha u anki jmissilha saqajha u saħansitra daħħal idejh taħt il-libsa tagħha. Imbgħad qaltlu li kienet ma tiflaħx u huwa niżżilha u marret l-għassa tirrapporta. Wara li għamlet ir-rapport l-għassa hija ġiet eżaminata minn tabib li ċċertifika li ma setgħux jiġu osservati sinjali esterni ta' vjolenza fiżika fuq ġisimha ("no external signs of physical violence could be discerned over her body").

Fil-kors tal-investigazzjonijiet il-pulizija kellmet lill-imputat appellat u dan stqarr magħhom li fl-20 ta' Mejju 2010 filgħaxija għall-ħabta tal-10.00 pm huwa kien f'bar Marsalforn ta' wieħed Kenneth (li rriżulta li huwa Kenneth Cutajar) u hemm tlaqqa' ma' waħda Ingliża u rikkibha fil-karozza tiegħu Pajero biex iwassalha. L-imputat stqarr li waqt li kienet fil-karozza tiegħu l-Ingliża irrimettiet fil-karozza u huwa telaq biha lejn ir-Rabat fejn niżżilha. L-imputat ma kienx jaf jidentifika lill-Ingliża iżda Marie-Christine Dunlop identifikatu bħala l-persuna li miegħu ltaqgħet fil-bar u bħala l-persuna li miegħu rikbet biex jeħodha d-dar u li fit-triq waqqaf il-vettura tiegħu diversi drabi u beda jmissha f'saqajha, f'sidirha u anki taħt id-dublett u f'okkażżjoni minnhom anki biesha fuq xofftejha kontra r-rieda tagħha. Hija qalet li l-inċident ġara għal xi l-11.00 – 11.30 pm.

**6.** L-aggravju ewlieni tal-Avukat Ġenerali jikkonsisti filli jilmenta mill-mod kif sar l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti għaliex fil-fehma tiegħu l-apprezzament li sar kien wieħed żbaljat u kien tali li l-ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha u li biha lliberat lill-appellat.

**7.** Ta' min jinnota, kif tajjeb osserva l-appellant Avukat Ġenerali, li kuntrarjament għal dak li soltu jkun il-każ, il-Maġistrat li ppronunzja s-sentenza appellata ma kienx f'pożizzjoni aħjar minn din il-Qorti in

kwantu għall-apprezzament tal-provi għaliex ix-xhieda ma nstemgħux *viva voce* minnu iżda nstemgħu minn ġudikant ieħor u, bħal din il-Qorti, kellu joqgħod fuq it-traskrizzjoni bil-miktub tax-xiehda miġbura.

**8.** Ċertament f'dawn iċ-ċirkostanzi kien mistenni li l-ewwel Qorti testrinseka l-ħsieb tagħha dwar l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet u mhux, bħal ma għamlet l-ewwel Qorti, tillimita ruħha għalli tiddikkjara li kienet tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-fatti għal kollox kunfliġġenti u li "ma tħossx" li l-prosekuzzjoni sodisfaċentement ippruvat li l-imputat wettaq attentat vjolenti għall-pudur ta' Marie-Christine Dunlop u li għalhekk ma kienetx ser ssib ħtija fil-konfront tal-imputat u dan mingħajr l-iċken tentattiv biex tartikola l-ħsieb tagħha li wassalha għall-konklużjoni tagħha.

**9.** L-ewwel Qorti għamlet numru ta' dikjarazzjonijiet ġeneriċi dwar ir-riskji tal-konsumazzjoni ta' alkohol u l-effetti tiegħu mingħajr ebda rabta mal-provi prodotti. Għamlet ukoll diversi konsiderazzjonijet ta' natura legali u ċċitat awtoritajiet esteri u lokali dwar l-elementi tar-reati li bihom hu imputat l-appellat u dwar il-piż u l-grad tal-prova meħtieġa u dwar il-pożizzjoni legali fil-każ ta' verżjonijiet konflinġenti iżda hawn ukoll ma sar ebda allaċjament mal-provi prodotti jew xi riflessjoni fuq il-provi ħlief li l-Qorti kellha quddiemha żewġ verżjonijiet konflinġenti. Iżda l-verżjonijiet konflinġenti ma jwasslux neċessarjament għad-dubbju dettat mir-raġuni meta l-Qorti ssib li l-verżjoni li twassal għal konvinċiment ta' ħtija timmerita li tingħata affidament waqt li dik kuntrarja ma tagħtix dak l-affidament.

**10.** Fil-każ ta' llum irriżulta ampjament li l-imputat kienet il-persuna li fid-data relevanti rikkeb fil-vettura tiegħu lil Marie-Christine Dunlop sabiex iwassalha d-dar mill-bar fejn kienu. Dunlop tgħid li fil-vettura l-imputat beda jmissha fuq diversi partijiet ta' ġismha u saħansitra taħt

id-dublett minkejja li hija ma rieditux imissha. Meta kellmuh il-pulizija l-imputat ċaħad li huwa mess lil Dunlop.

**11.** Huwa minnu li Dunlop kienet xorbot xorb alkoholiku konsistenti f'inbid u xi Martini fil-bar tant li x-xhud Frank Cini deskriviha bħala li "ma kienitx f'sensiha għax kienet qiegħda mal-bar u f'xi ħin kienet se taqa'". L-imputat saħansitra jgħid li Dunlop irrimettiet fil-vettura tiegħu u Frank Cini wkoll jgħid li l-imputat kien qallu li Dunlop kienet irremettiet fil-vettura tiegħu iżda, għalkemm jgħid li xamm rieħa ta' rimettar, jidher li ma osservax traċċi ta' rimettar fil-vettura tal-imputat ftit wara li l-imputat wasal lura wara li wassal lil Dunlop tant li staqsieh jekk kienx naddaf il-karozza. Dunlop taħt ġurament ċaħdet li kienet irrimettat fil-vettura tal-imputat. Fi kwalunkwe każ, iżda, PS 1346 Anton Schembri xehed li wara li Dunlop għamlet ir-rapport tagħha lill-pulizija huwa mar biex jeħodha l-isptar bil-karozza tal-pulizija iżda f'ħin minnhom kellu jwaqqaf il-karozza biex Dunlop ħarġet tirrimetti.

**12.** B'danakollu huwa minnu wkoll li Dunlop baqgħet konsistenti f'dak li qalet sa mil-ewwel okkażżjoni li kellmet lill-pulizija fir-rapport li għamlet dakinhar tal-inċident, f'dak li qalet fl-istqarrija bil-miktub lill-pulizija 'l għada tal-inċident u f'dak li xehdet fil-Qorti ħamest ijiem wara l-inċident. Di fatti, tant kienet ċara dwar il-fatti li għaddiet minnhom li, għalkemm minn dak li rrapportat lil PS 1346 Anton Schembri ma identifikatx lill-imputat appellat bħala l-persuna li kien taha lift u anqas identifikat il-bar fejn kienet iltaqgħet mal-imputat, il-pulizija mill-informazzjoni li pprovditilhom kienu kapaċi jidentifikaw kemm il-bar in kwistjoni kif ukoll lill-imputat bħala l-persuna li akkompanjaha bil-vettura tiegħu minn Marsalforn sa Victoria. Barra minn hekk l-istess PS 1346 Schembri xehed li meta Dunlop daħlet l-għassa biex tirrapporta din kienet tidher skonvolta u kienet tibki.

**13.** Minn naħa tiegħu huwa minnu li l-imputat ċaħad li mess lil Dunlop iżda huwa wkoll minnu li kemm l-Ispettur Frank Tabone kif ukoll PS 1464 Michael Portelli xehedu li meta kellmu lil Kenneth Cutajar dan qalilhom li meta l-imputat irritorna lura l-bar wara li wassal lil Dunlop huwa qallu li "ma ħallitnix". Meta xehed Kenneth Cutajar ċaħad li qal dan id-diskors lill-pulizija u jgħid li jista' jkun fehmuh ħażin. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandix tagħti affidament lil dak li xehedu l-Ispettur Tabone u s-Surġent Portelli fuq din iċ-ċirkostanza u ma tistax temmen li kemm l-Ispettur Tabone u s-Surġent Portelli fehmu ħażin lil Cutajar. Dak li xehedu l-Ispettur Tabone u s-Surġent Portelli dwar dak li qallhom Cutajar huwa xiehda *detto del detto* u in kwantu tali dak li qallhom Cutajar ma hux prova tal-kontenut ta' dak li qallhom u għalhekk ma hux prova li hu veru li Dunlop ma ħallietx lil Cefai jgħamillha xi ħaġa iżda dik ix-xiehda tagħhom hi prova diretta ta' dak li qallhom Cutajar u in kwantu tali dak li qallhom Cutajar hija ċirkostanza li tiswa sabiex tikkorrobora dak li ripetutament stqarret u kkonfermat bil-ġurament ix-xhud Dunlop.

**14.** Huwa minnu dak li qalet l-ewwel Qorti li persuna li tkun xorbot b'mod eċċessiv ta' spiss ma tkunx fi stat li taf meta għandha tgħid le iżda mill-provi dan ma jirriżultax li kien il-każ hawn għaliex ix-xhud Dunlop ripetutament, kemm bla ġurament kif ukoll bil-ġurament, ikkonfermat li hija kienet irrespinġiet l-avvanzi tal-imputat u dan hu korroborat b'dak li xehedu l-Ispettur Tabone u s-Surġent Portelli dwar dak li qalilhom Cutajar.

**15.** Finalment, għalkemm meta Dunlop ġiet eżaminata minn tabib dan ma rriskontrax senjali esterni ta' vjolenza fiżika fuq il-ġisem tagħha, dan ma jeskludix ir-reat ta' attentat vjolenti għall-pudur għaliex dan ir-reat hu kostitwit minn dawk l-atti impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volonta' tagħha li ma jammontawx għal wieħed

mid-delitti, ikkunsmat jew tentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali[1], u mill-provi dawn l-atti impudiċi fuq il-persuna ta' Dunlop kontra l-volonta' tagħha irriżultaw.

**16.** Il-Qorti hi tal-fehma li għar-raġunijiet premessi jeżistu ċ-ċirkostanzi li trid il-ġurisprudenza sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti u l-konklużjoni minnha raġġunta dwar l-ewwel imputazzjoni ta' attentat vjolenti għall-pudur.

**17.** In kwantu għat-tieni imputazzjoni ta' offiża għall-pudur jew il-morali b'egħmil li allegatament sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku, ġie ritenut li l-vetturi jsiru post pubbliku meta jkun hemm il-potenzjalita' tal-aċċess tal-pubbliku[2] u fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn l-egħmil inkriminat sar f'vettura, tard bil-lejl, f'postijiet diversi impreċiżati, din il-Qorti ma hix sodisfatta li dan ir-reat ġie pruvat skont il-liġi.

**18.** Peress li ma saritx il-prova tal-identita' ta' l-imputat għar-rigward tas-sentenzi esibiti minkejja t-talbiet ripetuti tal-Avukat Ġenerali għal dak il-fini l-addebitu tar-reċidiva ma rriżultatx sodisfaċentement.

**19.** Għar-rigward tal-piena l-Qorti kkunsidrat il-kondotta preċedenti refrattarja tal-appellat kif tirriżulta mill-fedina penali tiegħu li hi piuttost kopjuża u l-fatt li l-appellat approfitta ruhu mis-sitwazzjoni ta' vulnerabilita' tas-suġġett passiv u l-Qorti hi tal-fehma li piena karċerarja effettiva hija l-piena indikata għall-ħtija riskontrata.

Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' in parte l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ma sabitx lill-imputat appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni ta' attentat vjolenti għall-pudur u minflok wara li rat l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali issibu ħati tagħha u

[1] App. P v Gerald Cassar 18/7/1959, XLIII.iv.1114
[2] Ara P v Carmelo Micallef et, 11/5/1960, XLIV.iv.883

tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal tlett xhur; tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratir